**M I N U T I**

**LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 64**

29 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fit-8:30 ta' filgħodu.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT :- 0

ASSENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Is-Sinjura M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet din il-laqgħa straordinarja.

64.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

64.1.1 Ma kienx hemm ittri t' appoloġija.

**64.2 MANAGEMENT LETTER**

64.2.1 Is-Sindku preżentat il-Management Letter li tkopri l-Audit tas-sena 2018 u r-risposta għaliha.

64.2.2 Il-Kunsill innota u ddiskuta l-punti mqajma mill-Awdituri filwaqt li nqrat ir-risposta.

64.2.3 Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Kunsill għall-Management Letter tal-Awdituri. Viċi Sindku VB propona l-approvazzjoni tal-imsemmija risposta. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier JAE , u ttieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, JAE, AGS)

**64.3 OFFERTI PUBBLIĊI**

64.3.1 CCTV - KING GEORGE V RECREATIONAL GROUNDS

64.3.1.1 Il-Kunsill kien talab kwotazzjonijiet mingħand 6 kumpaniji fejn kumpanija minnhom ma kkuntatjax lura lill-Kunsill, kumpanija oħra kitbet li ma kienitx interessata tissottometti kwotazzjoni wara li kienet għamlet on-site visit u t-tlieta l-oħra ssottomettew kwotazzjoni ( Kwotazzjoni A, Kwotazzjoni B u Kwotazzjoni C).

64.3.1.2 Ġew meqjusa w evalwati l-kwotazzjonijiet kollha u l-Kunsill approva, b'mod unanimu, li l-kwotazzjoni l-aktar vantaġġuża fil-kuntest globali tal-proġett tat-tisbiħ tal-Ġnien Re George V, għandha tingħata lill-offerent tal-Kwotazzjoni C versu l-prezz ta' €3,937.21, VAT inkluż.

64.3.2 FLC/T/2/2019 SERVIVCES OF AN ACCOUNTANT FOR THE FLORIANA LOCAL COUNCIL

64.3.2.1 Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti għall-Accountant għal-Kunsill,waqt li ġie preżentat ir-rapport tal-Bord tal-Aġudikazzjoni. Qalet li kien hemm ħames offerti li kollha kienu konformi mar-rekwiżiti tal-offerta. Il-Kunsill ikkonsidra r-rikkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li dan it-tender għandu jingħata lill-Offerent 112520 peress li kienet l-orħos offerta.

64.3.2.2 Il-Kunsill qabel ma' din ir-rikkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġudikazzjoni u approva b'mod unanimu li dan it-Tender jingħata lill-Offerent 112520 versu €13,176.

64.3.3 FLC/T/7/2018 - CIVIL WORKS IN KING GEORGE V RECREATIONAL GROUNDS FLORIANA

64.3.3.1 Is-Sindku għarrfet lill-membri preżenti li sal-lum il-kumpanija LBV Limited li rebħet it-Tender hawn fuq imsemmi għada ma kkonfermatx l-aċċettazzjoni formalment fuq l-ePPS. LBV Ltd trid tonora l-kundizzjonijet tat-tender fosthom li sa 15-il ġurnata minn meta ġiet notifikata mill-Kunsill bl-Award fuq l-ePPS cioe' fis-16 ta' Mejju 2019 trid tippreżenta Performance Guarantee.
Sar kuntatt telefoniku wkoll mal-kumpanija mis-SE biex tiġbed l-attenzzjoni u ġiet infurmata li l-kumpanija kienet qed taħdem fuqha.

64.3.3.2 Is-Sindku DSH semmiet li fin-nuqqas li tiġi preżentata din il-garanzija fiż-żmien stipulat, il-Kunsill għandu jikkonsidra li LBV Ltd abbandunat il-Kuntratt skont il-Kundizzjonjiet Ġenerali msemmija fid-dokument tat-Tender.

64.3.3.3 Il-membri preżenti qabblu ma' dan unanimamnet filwaqt li talbu li tittieħed azzjoni hekk kif tiskatta l-ħmistax-il ġurnata jekk sa dakinhar ma tkunx ġiet preżentata l-Performance Guarantee minn LBV Ltd, filwaqt li jqis il-kuntratt abbandunat ai termini tal-General Conditions of Contract. Il-Kunsill għalhekk talab li jinbdew proċeduri appositi biex twaqqa dan it-tender hekk kif jiskatta l-perijodu msemmi ai termini tal-kundizzjonjiet stipulati fit-tender f' dan ir-rigward.

**64.4 TMIEM TAL-LAQGĦA**

64.4.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħodu u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2019 fit-8.30 ta' filgħodu.

**Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2019.**

| | |
|---|---|
| ***firmati*** | ***firmati*** |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |